FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru, 2001**

**Numru 13**

**Avviz numru 269/01JR**

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Antonia Aquilina u l-istess Antonia Aquilina**

**vs**

**Av Dr Richard Sladden LL.D. mahtur kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Henri Cabourg b'digriet tas-17 ta' Mejju 2001**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' April 2001 fejn intqal li:-**

1) **l-attrici kienet qieghdha issuq il-vettura taghha CBG 104 mis-Siggiewi fid-direzzjoni taz-Zurrieq meta vettura ohra LAK 251 misjuqa mill-konvenut harget f'daqqa wahda minn triq sekondarja u baqghet diehla fuq il-vettura taghha.**
2) **Il-konvenut ipprova jitlaq izda l-attrici waqqfitu u giebet il-pulizija li**

**ghamlu r-rapport taghhom (Dok A).**

3) **In segwitu intbaghtet ittra legali (Dok B) lill-assikurazzjoni tal-vettura l-ohra c-Citadel Insurance p.l.c. billi s-sewwieq taghha l-konvenut ma kienx Malta, ghall-hlas tas-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin tnejn u tletin centezmi (Lm86.32.0) bhala danni izda ghal ta' xejn.**

4) **Dawn id-danni huma dovuti kwantu ghal wiehed u sittin lira Maltin tnejn u tletin centezmi (Lm61.32.0) lill-kumpanija attrici li sburzathom taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attrici li batithom minn butha.**

**Ghalhekk l-atturi qieghdin jitlobu li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut kif rapprezentat biex ihallas bhala danni l-imsemmija somma ta' sitta u tmenin lira Maltin tnejn u tletin centezmu (Lm61.32) lill-kumpanija attrici u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attrici – prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi Henri Cabourg kien responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali initerpellatorja (Dok B) u tar-rikors kontestwali ghan-nomina ta' kuraturi u ta' l-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data ta' l-imsemmija ittra legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-kuratur deputat ipprezentata fit-30 ta' Mejju 2001 fejn**

**eccepixxa:**

1. **Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdi l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri, meta jikkomunika mall-konvenut.**

2. **Illi l-eccipjenti titlob lill-avukat tas-socjeta' attrici dwar informazzjoni biex ikun jista' jikkomunika ma' l-assenti Henri Cabourg.**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija Dok.A, illi il-konvenut li kien qed isuq il-vettura LAK-251 hareg minn go triq sekondarja minghajr ma waqaf. L-assikurata tas-socjeta` attrici kienet ghaddeja bil-vettura CBG-104 mit-triq principali meta hareg il-konvenut u laqatha.**

2. **Il-vettura tal-attrici garrbet hsarat fuq il-fanal u "bumper" ta' quddiem in-naha tal-lemin, filwaqt li l-konvenut kellu hsarat fuq il-bumper ta' quddiem.**

3. **Ma hemmx dubbju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut li ma uzax id-debita diligenza hu u qed jimmanovra biex johrog minn triq sekondarja ghall go triq principali.**

**4. Id-danni rizultanti huma fl-ammont indikat fl-avviz, u dana kif konfermat minn Joe Mula ghas-socjeta` attrici, kif ukoll mir-ricevuti Dok.JM sa JM2, u s-survey report Dok.JM3.**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u ta' l-istess attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittin lira Maltin tnejn u tletin centezmi (Lm61.32.0), u lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali initerpellatorja (Dok B) u tar-rikors kontestwali ghan-nomina ta' kuraturi u ta' l-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**0**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**